DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Novembru 2009

dwar il-proċedura li tikkonċerna d-derogi mir-regoli tal-oriġini stabbiliti fil-Protokolli tal-Oriġini annessi mal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-Istati tal-AKP, u li tħassar id-Deċiżjoni 2000/399/KE

(2009/832/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133, flimkien mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 300(2) u l-Artikolu 300(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-Anness V tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 [1] ("il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE") u l-Protokolli tiegħu, fosthom il-Protokoll 1 dwar id-definizzjoni tal-kunċett tal-"prodotti li joriġinaw" u l-metodi tal-kooperazzjoni amministrattiva, li skada fil-31 ta' Diċembru 2007, skont l-Artikolu 37(1) ta' dak il-Ftehim.

(2) Kif previst fl-Artikolu 37(1) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE, il-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika ("FSE") ġew innegozjati ma' gruppi reġjonali ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku ("Stati tal-AKP"). Dawk il-FSE qed jiġu ffirmati progressivament sa mill-1 ta' Jannar 2008.

(3) L-Artikolu 39 tal-Protokoll I dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" u l-metodi tal-kooperazzjoni amministrattiva ('il-Protokoll tal-Oriġini') tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra [2] - l-ewwel FSE ffirmat mal-Istati tal-AKP - jipprevedi proċedura għall-għoti ta' derogi mir-regoli tal-oriġini fuq talba ta' Stat tal-AKP firmatarju għall-FSE. Id-derogi għandhom jiġu adottati minn Kumitat kompetenti. Huwa xieraq li tiġi prevista proċedura għall-istabbiliment ta' pożizzjoni Komunitarja f'dak il-Kumitat b'mod li tkun tista' tapplika wkoll għal dispożizzjonijiet simili ta' Protokolli tal-Oriġini għal FSE oħrajn li għandhom jiġu ffirmati mal-Istati tal-AKP fil-futur.

(4) L-Artikolu 39(8) tal-Protokoll tal-Oriġini jipprevedi li deċiżjoni għandha tittieħed malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 75 jum ta' xogħol minn meta t-talba tasal għand il-Komunità. Jekk il-Komunità ma tinfurmax lill-Istat tal-AKP li jkun għamel talba għal deroga dwar il-pożizzjoni tagħha rigward it-talba matul dan il-perijodu, it-talba għandha titqies li ġiet aċċettata.

(5) Huwa għalhekk meħtieġ li tiġi adottata proċedura li tiżgura li l-pożizzjoni Komunitarja tista' tiġi adottata u kkomunikata lill-Istati tal-AKP firmatarji għall-FSE kmieni biżżejjed sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjoni rilevanti tkun tista' tittieħed qabel dik l-iskadenza.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/399/KE tas-16 ta' Ġunju 2000 dwar il-proċedura li tikkonċerna d-derogi mir-regoli tal-oriġini mniżżla fil-Protokoll Nru 1 tal-Ftehim ta' Sħubija tal-AKP-KE [3] ipprevediet delegazzjoni ta' poteri lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' pożizzjoni komuni tal-Komunità wara talba mill-Istati tal-AKP għal deroga mir-regoli tal-oriġini stabbiliti fil-Protokoll 1 tal-Anness V tal-Ftehim ta' Sħubija tal-AKP-KE.

(7) Delegazzjoni simili ta' poteri lill-Kummissjoni għandha issa tkun prevista fir-rigward ta' talbiet għal derogi mir-regoli tal-oriġini stabbiliti fil-Protokolli tal-Oriġini tal-FSE.

(8) Id-Deċiżjoni 2000/399/KE għandha għalhekk tiġi mħassra,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni Komunitarja fir-rigward ta' talba ppreżentata mill-Istati tal-AKP firmatarji tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE) għal deroga mir-regoli tal-oriġini stabbiliti fil-Protokolli tal-Oriġini tal-FSE għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 2.

[1] ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
[2] ĠU L 289, 30.10.2008, p. 1.
[3] ĠU L 151, 24.6.2000, p. 16.

Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit bl-Artikolu 248a(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [1].

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippreżenta lill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali abbozz ta' pożizzjoni Komunitarja fi żmien 25 jum ta' xogħol minn meta l-Komunità tirċievi talba għal deroga. Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali għandu jagħti opinjoni dwar l-abbozz f'limitu ta' żmien determinat mill-President tiegħu skont l-urġenza tal-kwistjoni konċernata. L-opinjoni għandha tingħata bil-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 205(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li jeħtieġ li jiġu adottati mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti tal-Istati Membri għandhom jiġu peżatibil-mod stabbilit f'dak l-Artikolu. Il-President m'għandux jivvota.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-pożizzjoni Komunitarja u tibgħatha minnufih lill-Kumitat kompetenti stabbilit bil-FSE rilevanti. Madankollu, jekk il-pożizzjoni Komunitarja mhix konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, hija għandha tiġi ppreżentata minnufih mill-Kummissjoni lill-Kunsill. F'dak il-każ, il-Kummisjoni għandha tipposponi t-trasmissjoni tagħha lill-Kumitat kompetenti stabbilit fil-qafas tal-FSE rilevanti għal perijodu ta' 25 jum ta' xogħol mid-data tal-vot fil-Kumitat tal-Kodiċi Doganali.

4. Il-Kunsill, li jaġġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jadotta pożizzjoni Komunitarja differenti fil-perijodu previst fil-paragrafu 3.

Artikolu 3

1. Id-Deċiżjoni 2000/399/KE hija b'dan rmħassra.

2. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għal tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

A. BORG

[1] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.